# Bullettin Leġjunarju 5/2026 Settembru - Novembru 2026

## Ħsieb Spiritwali
## Settembru 2026
## Dun Karm Gauci

**Is-saċerdot fil-ħajja tal-Leġjunarji.**

Patist kien goff imma kien jemmen li ma tistax tidħol il-ġenna jekk ma jkunx hemm qassis li jafek u li jurik it-triq. Ġiakonda kienet tiċċajta kemm tiflaħ imma meta d-diskors kien jaqa' fuq il-qassisin kienet tisserja, tiskot.

Huwa fatt li ħafna praesidia japprezzaw il-presenza tad-direttur spiritwali u jemmnu li bih u mingħajru mhux l-istess. Ħaġa sabiħa wkoll li meta jinqraw ir-regolamenti prinċipali, jingħad ukoll 'nitolbu għad-direttur spiritwali'. Ħafna nies japprezzaw il-qassis intelliġenti, li jorganizza, li hu edukat, li jiċċajta, eċċ.

Dawn huma affarijiet sbieħ imma dawn huma biss umani li wkoll jisa' jkollom xi difett. Normalment ħadd ma jkollu l-kuraġġ li jiġbidlu l-attenzjoni tad-direttur spiritwali jew jikkoreġih. L-uman huwa biss l-ewwel tarġa. Ilkoll kemm aħna nafu li lill-qassis trid tħares lejh b'għajnejn oħra, fuq livell ieħor.

Jekk il-leġjunarji ma jiqfux fuq l-uman biss tal-qassis u l-kappillan, allura jkunu jistgħu joffru spalla u sostenn għalih u kollaborazzjoni fl-apostolat. Naħseb li hemm livell ieħor li jixraq li wieħed jaħseb fuqu: il-qrar u d-direzzjoni spiritwali.

Jiġri spiss li dawk li jkunu qrib is-saċerdoti u qrib is-sagristija jitilfu r-regolarita' ta' dawn il-prattiċi jekk ukoll ma jibdewx jiġġustifikaw xi ftit laxkezza. Wieħed jibqagħlu d-dritt li jagħżel il-konfessur u d-direttur spiritwali tiegħu imma naħseb li ċerta regolarita' f'dawn l-affarijiet huma neċessarji għall-ħajja spiritwali tagħna b'saħħitha.

**Iddiskuti:**

1. Ġie li tisma' min igħid kontra l-qassis, jew il-kappillan? Kif tirrispondi lil min jitkellem hekk?

2. Il-qrar u d-direzzjoni spiritwali tiegħek huma regolari jew kull mitt qamar? Taħseb li hemm bżonn tagħmel xi ħaġa?

## Attivitajiet
## Settembru, Ottubru, Novembru

**Settembru**
*September Function* mill-Praesida.

**Ottubru**
Il-Ħamis 29 - s-Sibt 31 t'Ottubru -
Irtir bil-Magħluq -
Mount St Joseph. Prezz 110 euro r-ras.
Janima: Fr. Gilbert Scicluna

**Novembru**
6 - 8 ta' Novembru - Irtir bil-Magħluq Manresa
7 ta' Novembru - Tifkira ta' Frank Duff -
Laqgħa Annwali tal-PPC, Naxxar

## Attivitajiet li fadal 2026

**Diċembru**
5 ta' Diċembru - *December Function*

### In Memoriam

27 ta' Ġunju - Alfred Sharples, tar-Rabat li ħadem snin sew fil-Leġjun. Kien magħruf bħala leġjunarju eżemplari. Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem

It-tieni grupp li mar il-Permanance ta' Lourdes f'Ġunju 2026. Ritratt meħud ma' Maltin oħra li kienu f'dik il-belt.

## Ħsieb Spiritwali
## Ottubru 2026
**Fr Jonathan Debattista**

**"Ir-Rużarju – il-katina li torbotna ma' Marija"**

Ġurnata waħda staqsew lil San Piju ta' Pietralcina x'arma kienet l-aktar qawwija kontra l-ħażen. Huwa qabad il-kuruna tar-rużarju minn butu, għollieha u qal:

**"Din hija l-arma."**

Kien iġorr ir-rużarju dejjem miegħu u kien iħeġġeġ lil kulħadd biex jgħidu kuljum. Jingħad li kien jitlob ħafna rużarji kuljum, għax kien jemmen li kull "Sliem Għalik Marija" kienet bħal warda offruta lill-Omm ta' Ġesù.

Din l-istorja tfakkarna li r-rużarju mhuwiex sempliċement kliem li nirrepetu. Huwa mixja ma' Marija lejn Ġesù. Kull misteru jgħinna nidħlu aktar fil-ħajja ta' Kristu: fit-twelid tiegħu, fil-ħajja tiegħu, fil-passjoni tiegħu, fil-qawmien tiegħu u fil-glorja tiegħu.

Meta kultant inħossuna għajjenin, imħassbin jew ma nafux x'nitolbu, ir-rużarju jsir talba sempliċi iżda profonda. Marija tieħu b'idejna u twassalna għand Binha. Kull żibġa tar-rużarju hija bħal pass ieħor lejn il-paċi, it-tama u l-fiduċja f'Alla.

**Talba:**
*Marija, Ommna, għallimna nitolbu r-rużarju b'qalb miftuħa. Għinna nħarsu dejjem lejn Ġesù permezz tiegħek, biex fil-ferħ u fit-tbatija nibqgħu fidili lejh. Ammen.*



# Attivitajiet Leġjunarji - Rikordju bl-Istampi





**Il-Ħamis 9 ta' Lulju**, Il-Curia Omm Ir-Ragħaj it-Tajjeb organizzat is-Summer Outing fis-Soreda Hotel, il-Qawra. Wara quddiesa fuq il-post, il-membri, d-Diretturi Spiritwali, u mistiedna komplew għall-parti soċjali mal-Pool tal-istess lukanda, fejn in-għataw servizz eċċellenti. Kienu mistiedna wkoll is-sitt Praesidia li jaqgħu taħt ir-Regia.

**On Saturday 13th June**, : In God's love and with great joy, the Praesidium, Our Lady of Mount Carmel oraganised an outing on St. Paul'sm Island. After walking to the statue of St. Paul in a procession, the mebers then recited the Holy Rosary and followed by Holy Mass in English.





*Pubblikazzjoni:*


**Leġjun ta' Marija, Malta**
**275, Triq San Pawl,**
**Valletta VLT 1213**
**Editur: Kenneth Abela**

**legjunmalta@gmail.com**
**Tel: 79008966**
**legionofmarymalta.org**

## Ħidma Leġjunarja Oħra. Titħajjar?

**Ħidma Leġjunarja mal-Baħrin**
**L-Appostolat tal-Baħar**
Ħidma fil-Malta Freeport.
Kuntatt: (Bro) John Francalanza 99873537



**Ħidma Leġjunarja fl-Isptarijiet**
**Sptar Monte Carmeli**

Isiru żjarat kull nhar ta' Ġimgħa filgħodu.
Kuntatt: Kenneth Abela 79008966

Il-Leġjunarji li jagħmlu din il-ħidma kienu mistiedna għall-Festa tal-Madonna tal-Karmnu li tiġi ċċelebrata l-Isptar.

**Ħidma Leġjunarja fil-**
**Faċilità Korrettiva ta' Kordin**

Qegħdin f'kuntatt ma' Fr. Jethro, l-Kappillan tal-Ħabż dwar kif nistgħu nagħtu l-aħjar servizz. Kuntatt: Kenneth Abela 79008966

**Ħidma fls- Sir Anthony Mamo Oncology Centre (SAMOC)**

Wara laqgħa posittiva mal-amministrazzjoni tal-Isptar, min hu nteressat joffri servizz ta' wens hu mitlub ikellimna.
Kuntatt: Kenneth Abela 79008966





Nhar il-ġimgħa 17 ta' Lulju 2026 fid-Dar tal-Kleru B'Kara ir-***Regia ta' Malta laqgħet id-Diretturi Spiritwali (DS)*** li jatu servizz fil-Curiae u Praesidia tagħna. Sfortunatamnet din is-sena l-attendenza kienet baxxa. Attendew l-uffiċjali u DS tar-Regia (dan tal-aħħar mexxa l-laqgħa) u nirringrazzjaw, littmien Diretturi Spiritwali u Tribun li sabu l-ħin li jatu l-kontribuzzjoni tagħhom. Punti li tqajjmu fil-laqgħa nkudew,

- Bżonn li d-DS jassistu lill-membri jitgħallmu jitolbu aħjar;
- L-importanza li d-DS jibnu rapport mal-membri , jakkompanjawhom, jistimulawhom u jatu tama, u dan billi jsiru jafuhom sew u nimxu magħhom.
- IKun meħtieġ li d-DS iżommu kuntatt mal-grupp tagħhom u dan billi jatu kontribut f'messaġġi u e mails.
- Sa ċertu punt bin-nuqqas ta' viżti tas-saċerdoti fid-djar, il-leġjunarji jinsabu f'posizzjoni aħhar mis-saċerdot li jafu ċ-ċirkostanzi li jsibu fl-irħula tagħhom.
- Sfortunatamnet illum qagħad hawn saċerdoti li mhux qed jaraw il-benefiċċju tal-ħidma leġjunarja fil-parroċċa tagħhom.
- id-DS pproponew li f'kull praesidium u kunsill isir talb fuq bażi mhux regolari ta' talb. P.e. adorazzzjoni annwali ta' siegħa. 5 minuti adorazzjoni f'xi kappella qabel tibda l-laqgħa.
- Suġġeriment li d-DS ikunu mistiedna għall-attivitajiet u funzjonijiet tal-praesidium.

# Mill-Innoċenza għall-Maturità: Sejħa għall-Appostolat fost iż-Żgħażagħ
## Kitba ta' Anthony Debono, Viċi-President tar-Regia ta' Malta

Il-pubertà u l-adoloxxenza huma fost l-aktar fażijiet delikati fil-ħajja tal-bniedem. F'dan il-perjodu, iż-żagħżugħ jgħaddi minn bidliet fiżiċi, emozzjonali u spiritwali li ħafna drabi jġibu magħhom konfużjoni, inċertezza u sfidi ġodda. Filwaqt li dawn il-bidliet huma parti naturali mill-iżvilupp tal-persuna, jistgħu wkoll jagħmlu liż-żgħażagħ aktar vulnerabbli għall-influwenzi negattivi tad-dinja.

Illum iż-żgħażagħ qed jikbru f'ambjent fejn il-midja soċjali, il-kultura sekulari u l-materjaliżmu spiss jippreżentaw stampa mgħawġa tal-imħabba, tal-libertà u tal-hena. F'dan il-kuntest, ħafna jsibuha diffiċli jagħrfu t-triq it-tajba u jżommu relazzjoni soda m' Alla. Il-Knisja tfakkarna li l-bniedem iġorr fih l-effetti tad-Dnub Oriġinali, u għalhekk jeħtieġ għajnuna kontinwa biex jegħleb it-tentazzjonijiet u jikber fil-virtù.

L-Iskrittura tenfasizza kemm hi mportanti l-formazzjoni spiritwali sa minn età żgħira. "Ħarreġ tifel fit-triq li għandu jimxi fiha; anke meta jixjieħ ma jitbiegħedx minnha" (Prov. 22:6). Meta l-fidi, it-talb u l-valuri Nsara ma jiġux mgħallma u msaħħa fil-familja u fil-komunità, il-vojt li jinħoloq spiss jimtela minn ideat u drawwiet li jbegħdu lill-persuna minn Alla.

Hawn tidħol il-missjoni tal-Leġjun ta' Marija. Aħna msejħin mhux biss biex nitolbu għaż-żgħażagħ, iżda biex nakkumpanjawhom b'imħabba u paċenzja. Jeħtieġ li jkollhom quddiemhom adulti li jisimgħuhom, jifhmuhom u jmexxuhom lejn Kristu permezz tal-eżempju tajjeb tagħhom.

Il-ħidma tagħna hija aktar urġenti minn qatt qabel. Ħafna żgħażagħ qed jikbru mingħajr għarfien profond tat-talb, tas-sagramenti u tal-imħabba ta' Kristu. Jekk il-Knisja ma tilħaqhomx, id-dinja tagħmel dan bil-messaġġi tagħha. Għalhekk il-Leġjun għandu rwol importanti billi jħeġġeġ il-parteċipazzjoni fil-ħajja parrokkjali, fil-gruppi taż-żgħażagħ, fid-devozzjoni lejn il-Madonna u fil-ħajja sagramentali. Madankollu, dan jitlob impenn ġeneruż. Wisq drabi nħossuna komdi wisq biex noħorġu niltaqgħu maż-żgħażagħ fejn jinsabu. L-appostolat jitlob ħin, sagrifiċċju u perseveranza. Jekk ma nkunux lesti ninvestu fina nfusna għalihom, ħafna jistgħu jitbiegħdu mill-fidi u jintilfu f'kultura dejjem aktar imbiegħda minn Alla.

Wieħed mill-aktar mezzi effettivi li għandha l-Madonna biex tifforma l-qlub taż-żgħażagħ huwa l-Leġjun ta' Marija nnifsu. Għandha tkun prijorità għal kull Curia u Praesidium nistiednu tfal u adoloxxenti jingħaqdu mal-Leġjun tal-Juniors. F'dan l-ambjent, iż-żgħażagħ jitgħallmu jitolbu, jersqu aktar lejn is-Sagramenti, jiżviluppaw devozzjoni sinċiera lejn il-Madonna u jiksbu sens ta' responsabbiltà Nisranija. Fl-istess waqt, isibu ħbiberiji b'saħħithom mibnija fuq il-fidi u l-valuri tal-Vanġelu. F'dinja li toffri tant tentazzjonijiet u influwenzi negattivi, il-Leġjun tal-Juniors jista' jkun kenn spiritwali fejn iż-żgħażagħ jikbru fil-virtù, fid-dixxiplina u fl-imħabba lejn Alla. Kull Leġjunarju għandu għalhekk jara r-reklutaġġ u l-formazzjoni tal-Juniors mhux bħala attività sekondarja, iżda bħala investiment dirett fil-futur tal-Knisja u tal-Leġjun innifsu.

L-Omm Imqaddsa tagħna tifhem it-taħbit ta' kull qalb żagħżugħa. Hija rat it-tkabbir ta' Ġesù mit-tfulija sal-età adulta u taf it-tamiet, il-biżgħat, u l-isfidi li jakkumpanjaw kull stadju tal-ħajja. Bħala Leġjunarji, inpoġġu l-isforzi tagħna f'idejha, u nitolbuha tipproteġi l-innoċenza taż-żgħażagħ, issaħħaħhom f'mumenti ta' tentazzjoni, u tiggwidahom fis-sigurtà matul it-tranżizzjoni spiss diffiċli mill-innoċenza għall-maturità.

J'Alla tikseb għalina l-kuraġġ li nkunu appostli veri, lesti li nissagrifikaw il-kumdità u l-konvenjenza tagħna sabiex iż-żgħażagħ fdati f'idejna jsiru jafu, iħobbu, u jaqdu b'fedeltà lil Binha Divin.

Nafdaw din il-missjoni f'idejn il-Madonna, li tifhem il-qalb ta' kull żagħżugħ. Nitolbuha tipproteġi lill-ġenerazzjoni żagħżugħa u tagħtina l-kuraġġ biex inkunu appostli fidili. Jalla, bil-grazzja ta' Alla, ngħinu lil ħafna jgħaddu b'suċċess mill-innoċenza għar-responsabbiltà tal-maturità Nisranija u jaslu għall-milja tal-ħajja fi Kristu.

# L-Intenzjonijiet tal-Papa - 2026



SETTEMBRU

**Biex nieħdu ħsieb tal-ilma**

Nitolbu għal tqassim ġust u sostenibbli tal-ilma sabiex kulħadd ikollu aċċess indaqs għal din ir-riżorsa vitali.



OTTUBRU

**Għal ministeru tas-saħħa mentali**

Nitolbu biex jitwaqqaf il-ministeru tas-saħħa mentali kullimkien fil-Knisja ħalli tingħeleb l-istigma u d-diskriminazzjoni ta' persuni b'mard mentali.



NOVEMBRU

**Għall-użu xieraq tal-ġid**

Nitolbu sabiex ir-rikkezza tintuża tajjeb billi ma naqgħux għat-tentazzjoni tal-egoiżmu, iżda nqegħduha dejjem għas-servizz tal-ġid komuni b'solidarjetà ma' min għandu anqas.

**Irtiri bil-Magħluq 2026**

Irtir Mount St Joseph
Bejn il-Ħamis 29 u s-Sibt 31 t' Ottubru
Animatur:
Fr Gilbert Scicluna,
Viċi, Parroċċa Raħal il-Ġdid
Kuntatt: Bro Joe Micallef
79703865

Il-Ġimgħa 6 sal-Ħadd 9 ta' Novembru
Manresa, Għawdex
Kuntatt: Sr Marija Farrugia
79730516 (Whatsapp biss)

**Irtiri bil-Magħluq 2027**
Dan l-ewwel avviz, irtir fl-aħħar weekend ta' Mejju, f'Mount St Joseph.
Kuntatt: Sr Marija Farrugia
79730516 (Whatsapp biss)

**PPC 2026 - Peregrinatio Pro Christo - Bil-Malti, 'Pellegrinaġġ Għal Kristu'**
**Kuntatt: (Sr) Lourdes Aquilina - 2165 8473**

**Ruma - 8 - 15 t'Ottubru**
Biex tirnexxi din il-ħidma, qed jintalab talb personali u talb kollettiv.

Osservazzjonijiet wara l-PPC ta' Birmingħam, Lulju 2026

Il-Laqgħat ta' Tagħlim li jsiru l-Belt fl-aħħar Sibt ta' kull xahar huma mportanti biex jippermettuna nagħmlu kuntatti aħjar. dan speċjalment ma' persuni ta' reliġjonijiet oħra bħall-Musulmani. Sar suġġeriment li kull min jitħajjar jipparteċipa fi proġett tal-PPC ikollu l-ewwel jattendi numru ta' Laqgħat ta' Tagħlim.
Ġie aċċennat l-importanza li waqt kuntatti jinżamm lingwaġġ sempliċi









**Settembru** **Ottubru** **Novembru**

*Posters imħejjija mill-Praesidium ta' Ħad-Dingli, Marija Mtellgħa s-Sema*

# Ħsieb Spiritwali Novembru 2026 Dun Karm Gauci

**Ftit mill-flessibilta' tal-qasba.**

Marinton għandha karattru diffiċli.Tieħu għaliha bix-xejn u trid li tgħaddi tagħha. Ma nafx kinetx iżżewġet. Marion min-naħa l-oħra għandha karattru tal-ġenn. Kollox jiġiha tajjeb u dak li ma jiġix, tirranġah, bħal meta l-važett li nkisrilha għamlitu qasrija.

Hemm min jaf idoqq strument wieħed, jaf isajjar ikla waħda, jitkellem b'lingwa waħda, għandu ħabib wieħed, etc. Għalih il-verita' hija waħda: jew dik jew xejn. Imma hemm min jara aktar varjeta'.

Ġesu lill-appostli ma ħallihomx jintrabtu la ma' ost, la ma' kumdita' u l-anqas ma' ċirkustanżi. Ix-xogħol leġjunarju wkoll joffri varjeta' u huwa mmirat biex igħallimna nadattaw ruħna u nilħqu lil kulħadd.

Qisu l-varjeta' tax-xogħol trid tiftaħ orizzonti aktar wesgħin lil dak li jkun u tħarrġu jifforma ruħu f'dinja aktar wiesgħa.

Naturalment hawnhekk għandna l-għaġna tal-karattru tagħna li kapaċi jadatta, jitwessa', jitgħallem, jobdi u ma jkunx riġidu, jaċċetta li ma tgħaddix tiegħu u li jiċċajta għax fl-aħħar mill-aħħar aħna qaddejja tas-saltna.

Kultant naħseb li min ma jafx ikun flessibbli, iqaċċat u jeskludi. Imma hemm min jaf fejn irid jasal u jammetti ftit waqgħat. Naħseb li ħafna ġenituri u għalliema huma esperti f'dil-ħaġa. Hawnhekk ukoll naħseb li hija għażla bejn l-umilta' u s-suppervja li kontinwament jiġġieldu ġo fina.

**Iddiskuti:**

1. Il-Leġjun irid jiffurmana għal varjeta' ta' xogħol. **Jistona** min jippretendi li jagħmel dejjem u biss l-istess xogħol u ma' l-istess persuna.

2. Kultant niltaqgħu ma' nies dejjem jiġġieldu, forsi għax jippretendu li tgħaddi tagħhom. Imma hemm oħrajn li jafu jiddiskutu, jobdu u lesti jmutu biex jirbaħ Ġesu.U int?